Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 446/2015

Il-Pulizja

Spettur Spiridione Zammit

Vs

Joseph Farrugia

Illum 27 ta' Ottubru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Joseph Farrugia, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 218876M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Talli fis-17 ta' Mejju 2010 ghal habta ta' 1.15am, u hinijiet u zminijiet qabel fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa Hal Luqa u f'dawn il-gzejjer saq mutur tal-ghamla Yamaha numru tar-registrazzjoni AXL666 u

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni ta' hila fl-arti jew professjoni jew ukoll b'nuqqas ta' tahris tar-regolamenti tat-traffiku, ikkaguna feriti ta' natura gravi liema ferita ikkagunat debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem, jew marda permanenti tal-mohh fuq

il-persuna ta' Angela Bajada mis-Swieqi skont kif iccertifika fuq Dr Alan Drago Reg 2647 mill-isptar Mater Dei.

2. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hinijiet u cirkustanzi saq l-imsemmi mutur b'manjiera traskurata u perikoluza.

3. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi saq l-imsemmija vettura bi speed eccessiv.

Il-Qorti giet mitluba li f'sejbien ta' htija, Joseph Farrugia jigi skwalifikat mil-licenzja tas-sewqan.

Il-Qorti ntalbet sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna li jithallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-artiklu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-5 ta' Ottubru, 2015, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 15(1)(a), 15(2) u 32 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-artikolu 127(1) ta' Legislazzjoni Sussidjarja 65.11, taht Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati ta' sewqan bi traskuragni izda mhux ta' sewqan bla kont jew b'mod perikoluz u ghaldaqstant illiberatu minn tali imputazzjonijiet u sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha u ikkundannatu ghal sena (1) prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew sospizi ghal zmien tlett (3) snin.

Inoltre' bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lill-hati jhallas l-ammont ta' elfejn erba' mija u tletin euro u sitta u sebghin centezmu (€2,430.76).

Inoltre' skwalifikat lill-hati Joseph Farrugia milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena, liema perjodu jibda jiddekorri min-nofs il-lejl.

Il-Qorti spjegat lill-imputat il-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Joseph Farrugia, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-14 ta' Ottubru, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti:

1) Tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-appellant ma giex misjub hati u gie illiberat mis-sewqan bla kont jew b'mod perikoluz u tikkancellaha f'dik il-parti fejn il-Qorti sabet htija ta' fl-imputazzjonijiet l-ohra kollha u tilliberah minn kull htija.

2) Jew b'mod alternativ, tvarja is-sentenza appellata b'mod li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-appellant gie misub hati u f'dik il-parti li huwa gie illiberat, u tikkancellaha f'dik il-parti fejn inghatat il-piena u taghti piena li fic-cirkostanzi tal-kaz tkun aktar idonea.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Joseph Farrugia huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-Qorti tal-Magistrati ikkonkludiet li mir-rizultanzi processwali hija kienet moralment konvinta li l-incident kien attriwibbli lill-imputat u lil hadd aktar. Il-Qorti tghid li l-imputat rikkeb lill-Angela Bajada fuq il-mutur u waqt li kien qieghed isuq fi Triq Garibaldi fid-direzzjoni ta' Hal Luqa, fuq il-karreggjata ta' gewwa, kif qabez il-liwja li hemm fit-triq u kien wasal vicin l-ahhar tat-triq li tizbokka fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa skiddja. 'B'konsegwenza ta' dan hareg il-barra u habat mac-center strip u imbaghad tkaxkru sakemm il-mutur habat mar-roundabout.

Brake marks ma nstabux izda tkejjel brix ma l-art ta' 31.72metru u gie riskontrat minn hdejn ic-centre strip (ghax kien hemm tyre mark u brix) safejn strah il-mutur li hija distanza konsiderevoli. L-espert seta' jiddetermina l-velocita' meta beda jiskidja u mhux qabel'.

Il-Qorti tghid li stante li l-imputat kien wasal f'liwja huwa kellu l-obbligu li jnaqqas il-velocita' u b'mod evidenti dan ma' ghamlux. Dan il-fattur skond il-Qorti kien determinati ghall-incident.

Oltre dan l-Qorti ikkunsidrat ukoll li l-appellant kien qieghed javvicina roundabout u ghalhekk anke ghal din ir-raguni kellu jnaqqas il-velocita' tieghu. Tghid ukoll li stante li Angela Bajada qatt ma kienet rikbet fuq mutur il-Qorti ikkunsidrat li l-appellant kellu jsuq aktar bil-galbu u li l-mutur b'magna kbira u ghalhekk ittella l-velocita'. Fuq l-iskorta ta' dawn il-konkluzzjonijiet, il-Qorti qieset li l-kawza prossima tal-incident kien **is-sewqan eccessiv tal-imputat.**

2. Illi ghalhekk jidher car li l-raguni ewlenija li l-appellant instab hati kienet li l-Qorti tal-Magistrati kienet moralment konvinta li l-incident sehh biss minhabba li l-imputat kien qieghed issuq b'mod eccessiv. Bir-rispett kollu, ghalkemm l-Qorti tal-Magistrati tidher li ghamlet diversi kunsiderazzjonijiet u studju tal-provi li tressqu quddiema, l-appellant ma jista' qatt jikkondividi l-konkluzjoni taghha. Anzi qieghed jigi umilment sottomess li l-Qorti ma setghet qatt b'mod ragonevoli u legali tasal ghal din il-konkluzzjoni;

3. Illi tajjeb li jinghad li l-appellant dejjem cahad li huwa kien qieghed isuq b'mod eccessiv u hekk kif il-Qorti interpretat l-provi b'mod li waslet ghal konkluzzjoni li dan l-incident sehh biss minhabba sewqan eccessiv, fuq dawn l-istess provi, wiehed jista' ukoll fuq l-istess provi jasal ghal konkluzzjoni li l-incident ma sehhx minhabba sewqan eccessiv izda minhabba kwalunkwe numru ta' ragunijiet ohra. Ghalhekk tajjeb li jinghad mill-bidu nett, li sabiex il-Qorti tistrieh fuq evidenza indiretta dik l-evidenza trid tkun twassl biss ghall-konkluzzjoni wahda. Jekk le, ilkonsegwenza logika u legali ghandha tkun dik biss ta' liberatorja;

4. Illi prosekuzzjoni f'dan il-kaz ma resqet l-ebda xhud okkulari. Hadd ma ra lill-imputat kif kien qieghed issuq. Anzi kif jghid l-espert Buttigieg stess, hadd ma jaf ghalfejn gara l-incident ergo allura kif tista' tasal ghal konkluzzjoni li l-incident sehh minhabba sewqan eccessiv ta' l-appellant.

Anzi kif diga gie sottomess quddiem l-ewwel Qorti l-unika persuna li probabilment

seghet rat dak li verament gara u li kienet l-ewwel persuna li kienet fuq il-post ta' l-incident u li jidher li tat l-ewwel ghajnuna lill-partijiet, ma gietx rintraccata mill-pulzija;

5. Illi dan iwassal lill-appellant sabiex jaghmel referenza ghall-artikolu 638 tal-Kodici Kriminali li jistipula li 'Bhala regola, ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti u li ma jithalla barra ebda xhud li x-x-xiehda tieghu tkun importanti'. Dan huwa effettivament il-kontra li ghamlet il-prosekuzzjoni f'dan il-kaz. L-aktar xhud importanti, l-aktar xhud li setgha b'xi mod jitfa xi dawl fuq dan il-kaz, l-unika xhud li seta' b'xi mod ra l-incident, l-unika xhud li seta jghid kif kien qieghed issuq l-appellant ma tressaqx mill-prosekuzzjoni anke meta dan ix-xhud kien gie mitlub mid-difiza. L-iskuza provduta mill-prosekuzjoni kienet li Dr. Yanika Bezzina hija persuna li ma tezistix. Bir-rispett kollu lejn il-prosekuzzjoni, l-ewwel persuna li kienet fuq il-post ma kienitx Dr Yanika Bezzina izda Dr Yanika Bonello hekk kif xhedet Eleonor Camilleri ta' l-emergenza. Fil-fatt, din it-tabiba kif stqarrew in-nurses stess tahdem l-emergenza u mhux xi xhud li normalment jaghmel minn kollox sabiex jahrab mid-dover tieghu li jitla' jixhed u jghid dak li ra u semgha. Illi dan in-nuqqas tal-pulzija kien tali li l-kaz ma giex ippurvat skond il-procedura kriminali aparti li xekkel b'mod komplet id-difiza ta' l-appellanet li jipprova l-innocenza tieghu;

6. Illi ghar minn hekk l-ewwel Onorabbli Qorti naqset kompletament li tikkonsidra issottomissjonijiet u l-implikazzjonijiet legali rigwardanti dan in-nuqqas fuq l-provi migjuba. Qieghed jigi sottomess li l-Ewwel Qorti naqset li tikkonsidra l-artikolu hawn fuq citat kif ukoll l-artikolu li jistipula d-dmir tal-pulizija li tressaq dawk il-provi kollha kemm favur kif ukoll kontra l-appellant. L-unika kunsiderazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti kien li dan ix-xhud ma giex prodott. Bir-rispett kollu lejn l-ewwel Qorti, li ma tressaqx dan ix-xhud ghandu implikazzjoni legali aktar serja minn hekk, tant li l-kaz tal-prosekuzzjoni ma giex ippurvat. Kif intqal aktar il-fuq dan ix-xhud kien l-ewwel xhud li kien prezenti immedjatament fuq il-post ta' l-incident u li probabilment ra l-incident issehh. Nuqqas bhal dan kellu iwassal ghal liberatorja ta' l-appellant;

7. Illi l-appellant jaghmel referenza ukoll ghal provi li tressqu mill-prosekuzzjoni permezz tal-hatra ta' l-espert Mario Buttigieg liema espert kien f'impossibilita li jistabilixxi r-raġuni għalfejn l-imputat tilef il-kontrol tal-mutur. Bid-dovut rispett, dan l-istess l-espert ma irrnexxilu jasal ghal velocita' tal-mutur qabel l-incident. Fil-fatt anke fir-rapport tieghu hemm diversi konflitti fuq din il-kwistjoni stante li f'mument minnhom jgħid li l-veloċita setgħet kienet ta' 85 kfs u fi bnadi oħra jgħid li l-veloċita setgħet kienet ta' 70 kfs. L-istess espert 1 jammetti ukoll li t-testijiet li saru minnu jista' jkollhom riżultati varjabbli;2 Aktar serju minnhekk huwa l-konflitt li ma nafux jekk din l-velocita tal-mutur kienetx ta' 85 kfs fil-waqt li kien qieghed jinstaq jew inkellha wara l-impatt. Illi ghalhekk l-esponenti ma jistax jifhem kif inkonsistenzi ta dan t-tip, kontradizzjonijiet ta' din l-entita gew skartati minn l-ewwel onorabbli Qorti ghas-semplici raguni li l-espert fuq il-pedana tax-xhieda ikkorega ruhu. Kullhadd huwa suggett ghal l-zball pero meta si tratta ta procedura kriminali, dawn it-tip ta' zbalji jaghtu lok ghal dubji serji liema dubji ghandhom jittiehdu favur l-akkuzat u mhux skartati kompletament ghax sempliciment gew ikkoreguti aktar u aktar meta d-determinazzjoni tas-sewqan eccessiv kien il-pern ta' dan il-kaz.

Ma jistax jigi ikkunsidrat rapport li f'nifs wiehed jghid li qabel sehh l-incident l-imputat kien ghaddej b'velocita' ta' aktar minn 85kfs, u fl-istess nifs jghid li din l-velocita ma kienitx il-velocita ta' qabel ma' sehh l-incident izda kienet il-velocita tal-iskidjar tal-mutur meta l-imputat tilef il-kontrol tieghu u waqa' ma l-art. Jidher li dan l-istess zball ghamiltu l-Qorti ukoll fis-sentenza taghha fl-ewwel parti tal-kunsiderazzjonijiet meta ikkonsidrat bhala pruvat li l-appellant kien qieghed issuq b'velocita' ta' aktar minn 85kfs filwaqt li, meta ikkunsidrat rrizultanzi processwali aktar il-quddiem fis-sentenza taghha, l-Qorti tal-Magistrati irriferit ghal-konkluzjoni ta' l-espert fejn huwa stqarr li huwa seta' biss jiddetermina l-velocita' meta il-mutur beda jiskijda u mhux qabel. Ghaldaqstant jidher bic-car li l-konkluzzjoni li waslet ghaliha l-ewwel onorabbli Qorti li l-appellant kienet qieghed issuq b'sewqan eccessiv kienet konkluzzjoni li ma setghetx ragonevolment u legalment tasal ghaliha;

8. Jidher ukoll li Qorti waslet ghas-sejbien ta' htija stante li l-appellant allegatament ma naqqasx il-velocita tieghu meta kienet gejja il-liwja. Il-Qorti fil-fatt tghid li 'tenut kont tal-fatt li l-imputat kien wasal f'liwja huwa kellu l-obbligu li jnaqqas il-velocita' u evidentement dan m'ghamlux'. Illi din hija assunzjoni gratwita ghax ma hemmx x'jindika li gara hekk fil-process.

Anzi li kieku verament l-appellant ma naqqasx l-ispeed tieghu, meta l-mutur habat ma *central strip*, dan kien jaqbez ghan-naha l-ohra tat-triq. Barra minn hekk irid ukoll jigi kunsidrat il-fatt li kemm is-sewwieq u l-*pillion rider* waqghu minn fuq il-mutur fejn xulxin meta u huwa ben risaput li fil-kuntest ta' ħabta bil-mutur il-persuna li tkun riekba wara tigi normalment mormija l-boghod mis-sewwieq. Madanakollu f'dan il-kaz la l-imputat u l-anqas Angela Bajada ma nstgħbu imtajjra l-bogħod mill-mutur imma instabu biswitu. Dan kollu ma jistgħax ħlief jindika sewqan li ma kienx eccessiv imma biss kaz sfortunat fejn sehh incident u wegghu zewg persuni;

9. Jidher ukoll l-Qorti qieset bhala importanti hafna x-xhieda moghtija minn Dr Jeffrey Bonnici li ezamina lill-imputat fl-emergenza. Il-Qorti tghid li Dr Jeffrey Bonnici spejga li l-griehi sofferti mill-imputat kienu griehi kompatibbli ma daqqa kbira. Il-Qorti fil-fatt fis-sentenza taghha tikkwota testwament il-kliem 'Normalment ikun hemm incident tat-traffiku fejn xi hadd ikun ghaddej b'velocita qawwija'. Illi bl-akbar rispett dan it-tabib ma kienx espert mahtur mill-Qorti sabiex jirrelata fuq l-velocita' qawwija o meno li biha kien qieghed issuq l-appellant. Anzi incidenti tat-traffiku jistghu javverraw ruhhom anke waqt li persuna tkun qieghda issuq bil-mod;

10. IIli l-appellant jissottometti li r-raġuni għalfejn intilef il-kontrol tal-mutur setgħet kienet kwalunkwe ħaġa taħt is-sema', minn disattenzjoni tas-sewwieq, moviment ħesrem tal-*pilion rider* jew saħansitra il-qsim ħesrem ta' qattus. Il-fatt kostanti jibqa' n-nuqqas ta' prova u nnuqqas ta' għarfien għar-rigward ta' dak li ġara u x'ikkawża t-telf ta' kontrol. Ghalkemm rikonoxxut minn l-espert, ma tridx tkun gharef biex tasal ghall-konkluzzjoni li hemm wisq fatturi varjabbli sabiex wieħed ikun jista' jiddetermina għalfejn intilef il-kontrol tal-mutur f'dan il-kaz. Jista' jkun li s-sewqan eccessiv itellef il-kontrol tal-mutur pero f'dan il-kaz fuq bazi ta' probabilita' zgur li ma kienitx din ir-raguni li l-appellant tilef il-kontrol. Kif jgħid l-espert Buttigieg, il-

kontrol ta' mutur seta' ntilef għal numru ta' raġunijiet. Anzi kollox jindika li biex Joseph Farrugia tilef il-kontrol tal-mutur, bilfors li kien hemm xi fattur li ssorprendih u li ma setgħax jieħu azzjoni evaziva biex jevita l-incident. Id-dinamika ta' l-incident ma thalli l-ebda interpretazzjoni alternativa ghal dan. Ghaldaqstant il-Qorti tal-Magistrati ma seghatx b'mod ragonevoli u legali tassal ghas-sejbien ta' htija ta' l-appellant.

11. Illi minghajr pregudizzju ghal dak li intqal hawn fuq, jekk din l-Onorabbli Qorti tikkonferma issejbin ta' htija ta' l-appellant, l-esponenti jissottometti bir-rispett li l-piena infitta fuqu hija wahda harxa u dan peress li l-esponent jiddispjecih ghal dak li gara u qatt f'hajtu ma holom li dawra bil-mutur setghet twassal ghal incident tant tragiku. Fil-fatt dan l-incident affettwata l-ħajja tal-esponenti ukoll b'mod li huwa jrid igorr hajtu kollha il-piż tal-akkadut.

12. Illi kif tajjeb qalet l-ewwel Qorti l-fedina penali ta' l-appellant hija wahda netta u stante li huwa instab hati biss ta' sewqan traskurat u mhux dak perikoluz jew bla kont, l-applikazzjoni ta' piena alternattiva taht il-Kap 446 ghandha tkun aktar idonea fic-cirkonstazi kollha tal-kaz.

13. Illi apparti dan, l-iskwaifika tal-licenzja tas-sewqan ukoll ma kelliex tinghata specjalment meta qed nitkellmu fuq incident bil-mutur. Fl-ghar ipotesi l-appellant kellu jigi skwalifikat milli jkollu licenzja tas-sewqan tal-mutur u mhux minn kull licenzja.

Ikkunsidrat,

Illi l-gravam ewlieni sottopost ghal gudizzju ta' din il-Qorti huwa marbut mal-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti meta wasslet sabiex sabet htija fl-appellanti ghal sewqan bi traskuragini u ghall-imputazzjonijiet l-ohra kollha dedotti fil-konfront tieghu. Subordinatament ghal dan l-aggravvju, l-appellanti huwa tal-fehma illi l-piena inflitta fuqu kienet wahda eccessiva.

Illi gie stabbilit b'mod kopjuz fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti mal-medda tas-snin illi il-Qorti ta'l-Appell Kriminali ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit ta'l-

istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kenitx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha[1]. Huwa biss meta din il-Qorti tasal ghal konkluzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setatx ragjonevolment tasal ghal konkluzjoni li wasslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida u impellenti sabiex din tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

Illi minn qari tad-decizjoni impunjatat jirrizulta illi l-ewwel Qorti strahet principalment fuq il-provi cirkostanzjali u indizzjarji kif ukoll dawk xjentifici kif indikati lilha mill-esperti nominati fl-*in genere*. Fil-fatt hija ma setatx taghmel altrimenti gjaldarba ma kien hemm ebda xhud okulari li ra l-incident isehh, il-vittma sfortunatament sofriet griehi gravi konsistenti fi trawma fil-kranju tant li spiccat fi stat vegetattiv u l-appellanti jikkontendi illi ma jiftakar xejn mill-incident hlief ghal detall wiehed u cioe' il-velocita li biha kien qieghed isuq.

*"Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli….*

*L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

*Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta,*

[1] Ara fost ohrajn Il-Pulizija vs Raymond Psaila et – 12/05/1994; Il-Pulizija vs Amadeo Brincat – 06/06/1994, Il-Pulizija vs Carmelo Schembri – 28/04/1995; Il-pulizija vs Ezzawi Mehemed 03/11/1995

*pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.*[2]*"*

Issa l-appellanti jilmenta l-provi indizzjarji li kien hemm fl-atti kienu jipprezentaw iktar minn konkluzjoni wahda u allura l-Ewwel Qorti ma setghet qatt tikkonkludi illi l-kawza prossima tas-sinistru stradali mertu tal-kaz kien dovut ghas-sewqan eccessiv u traskurat ta'l-imputat li ma naqqasx il-velocita li kien qieghed isuq biha meta wasal vicin liwja fit-triq sabiex b'hekk spicca skiddja u tilef il-kontroll tal-mutur li kien qieghed isuq. Dan iktar u iktar meta l-appellanti baqa' isostni illi huwa kien qieghed isuq bil-qalbu. Di piu' fil-fehma ta'l-appellanti meta ma kienx hemm xhieda okulari ghal dan l-incident u l-uniku xhud li setghet titfa dawl fuq dan is-sinsitru, certu Dr. Yanika Bonello ma ingibitx tixhed, allura dan wassal biex ma tressqitx l-ahjar prova kif kienet fi dmir taghmel il-Prosekuzzjoni.

Illi din il-Qorti mal-ewwel tistqarr li ma tistax taghti ragun lill-appellanti. Ibda biex, kif inghad, il-provi indizzjarji li instabu fuq il-post ta'l-incident jindikaw necessarjament illi l-velocita li kien ghaddej biha l-appellanti ma kienx wiehed normali. Dan ghaliex kien hemm indikazzjonijiet ta' brix u *skid marks* ta' certu tul fuq il-post, kien hemm il-hsarat estensivi imgarrba mill-mutur, kif ukoll il-griehi sostanzjali li sofrew kemm il-vittma Angela Bajada kif ukoll l-appellanti stess - kollha kemm huma dawn il-provi indikazzjoni ta' impatt qawwi. Dan allura ixejjen l-unika haga mistqarra mill-appellanti li setghet titfa' dawl fuq dak li sehh billi *ex admissis* huwa ighid illi ma jiftakar xejn minn ftit hin qabel sehh l-incident tant li lanqas jiftakar tiela it-telgha ta' Garibaldi li twasslek hdejn ir-roundabout ta' Hal Luqa fejn sehh l-incident. Allura kif jista ighid l-appellanti b'liema velocita kien qed isuq qabel l-impatt? Dak li gie stabbilit mill-espert Mario Buttigieg kien illi l-velocita tal-mutur hekk kif beda jiskiddja kien ta' 85 kilometru fis-siegha, velocita piuttost elevata li hija indikazzjoni ukoll tal-velocita li kien ghaddej biha qabel l-impatt l-appellanti. Illi l-Ewwel Qorti kienet ferm ghaqlija ukoll meta qieset indizzji ohra bhal fatt illi l-*crash helmet* milbus mill-vittma Angela Bajada u li irrizulta ma kienx tal-

[2] Ir-repubblika ta' malta vs George Spiteri – 05/07/2002 App.Sup.

qisien taghha seta' kien fattur li ikkontribwixxa ghan-natura tal-griehi taghha billi jidher illi din sahansitra giet *misplaced* minn fuq rasha mal-impatt tant ghalhekk illi hija ma kellhiex il-protezzjoni li solitament jaghti *crash helmet*. Dan il-fattur abbinat ukoll mal-fatt illi l-appellanti li kien *biker* b'certu esperjenza u li kien jaf ben tajjeb li ghal Bajada din kienet l-ewwel rikba fuq mutur u li kienet libsa *helmet* misluf lilha minn terz, kellu iwasslu sabiex jezercita kawtela akbar fis-sewqan tieghu milli normalment jezercita billi messu kien jaf li b'*pillion rider* minghajr esperjenza kien ser ikun aktar difficli ghalih li izzomm il-mutur bilancjat fuq it-triq. Fuq kollox ma hemm l-ebda prova ohra la diretta u lanqas indizzjarja li jindikaw illi f'dik il-lejla, fi triq wiesgha fejn is-sewwieq kellu vizwali tajba u l-art kienet xotta, kien hemm xi fatturi ohra li setghu ikkontribwew ghal dan l-incident li kellu konsegwenzi fatali. L-appellanti allura ma iressaq l-ebda prova sal-grad tal-probabbli li iwaqqghu l-provi indizzjarji b'sahhithom u li jippuntaw kollha lejh bhala il-persuna responsabbli ghal dan is-sinistru stradali.

*"Accident jista' minnu nnifsu jidher li x'aktarx gara minnhabba htija ta' xi persuna milli ghal kawzi ohra. Hawnhekk, jaqa' fuq dik il-persuna il-piz tal-prova biex juri li f' dak li gara ma kellux htija. Dan ghaliex jistghu jigu assodati serje ta' fatti li jikkostitwixxu dak li "in subiecta materia" jissejjah "res ipsa loquitur". S'intendi il-grad ta' prova fil-kaz ta' akkuzat jasal biss sa dak tal-probabilita' u mhux tenut li jipprova beyond "a reasonable doubt" kif jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni. Hu veru li skond gurisprudenza aktar recenti, t-teorija ta' "res ipsa loquitur" f' materja penali m'ghadhiex aktar tigi applikata mill-Qrati taghna, pero', jistghu jirrizultaw certi provi indizjarji jew "circumstantial evidence" li joholqu certi "presumptions of fact" kontra s-sewwieq, li fl-assenza ta' spjegazzjoni li tilhaq il-grad tal-probabbilta' jistghu anki jwasslu ghall-htija tas-sewwieq.*

*… Kull driver hu prezunt u mistenni li jkollu kontroll shih fuq il-vettura tieghu w jekk hu jitlef dan il-kontroll, irid jaghti spjegazzjoni ghala gralu hekk li tkun tikkonvinci ghall-inqas sal-grad tal-probabbilta'.*[3]*"*. (sottolinjar tal-Qorti)

[3] Il-Pulizija vs Kevin Caruana – App. Inf 03/04/2003

Hu hekk proprju gara fil-kaz in dizamina. Dan ghaliex dawn l-indizzji jindikaw in-non-kuranza fis-sewqan ta'l-appellanti meta:

1. irikkeb persuna minghajr esperjenza fuq il-mutur tieghu b'*crash helmet* mislufa minn terz.
2. isuq b'certu velocita meta jaf illi l-*pillion rider* rikba mieghu setghet tikkontribwixxi ghal zbilanc fis-sewqan.
3. javvicina liwja fejn jitlef il-kontroll tal-mutur jahbat mac-*centre strip* jitkaxkar ghal diversi metri u jispicca jahbat mar-*roundabout* tant illi l-impatt huwa wiehed qawwi fejn z-zewg persuni rekbin fuq il-mutur isofru griehi gravi u il-mutur isofri hsarat estensivi.

Kien allura jispetta lill-appellanti iressaq il-prova imqar sal-grad tal-probabbli illi meta huwa tilef il-kontroll fis-sewqan tieghu u skiddja bil-mutur, dan ma kienx attribwibbli ghan-negligenza tieghu izda konsegwenza ta' xi kawza indipendenti u barra l-kontroll tieghu. Haga li baqa' ma ghamilx u dan meta rinfaccjat b'provi indizzjarji li qed jippuntaw fid-direzzjoni tieghu.

*"….Meta driver jipprova mhux biss il-fatt tal-"skid" "sic et simpliciter", imma jipprova ukoll li l-"skid" saret bla ebda htija tieghu, izda accidentalment b'mod li l-vettura, bla htija tieghu w accidentalment, saret inkontrollabbli, allura hija eskluza n-negligenza li taghti lok ghar-responsabilta' kriminali.*

Izda:

*…. id-driver tal-karozza li skiddjat huwa responsabbli jekk ma gharafx jaghmel il-manuvra mehtiega biex jevita w jnaqqas l-skiddjar meta kellu z-zmien biex jaghmel dan u hu aktar responsabbli jekk jaghmel xi manuvra li tipprovoka l-aggravament tal-iskiddjar. Ghax l-imperizja fis-sewqan bhas-sewqan hazin hija htija.*[4]"

Stabbiliti allura dawn il-fatti probatorji u issostanzjati bil-provi xjentifici kif stabbiliti mill-esperti fl-*in genere*, il-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti kienet wahda *safe*

[4] *Ibid*

*and satisfactory* billi dawn il-provi kollha jippunta f'direzzjoni wahda u cioe' illi l-appellanti minghajr gustifikazzjoni tilef il-kontroll tal-mutur tieghu fejn sehhet tkaxkira twila u impatt qawwi li jindikaw li huwa ma kienx qed jadopera dik l-attenzjoni u prudenza fis-sewqan tieghu.

Dawn il-fatturi kollha ghalhekk ixejjnu ghal kollox l-argumenti imressqa mill-appellanti illi seta kien hemm diversi fatturi ohra li setghu wasslu ghal dan is-sinistru stradali li mhumiex necessarjament attribwibbli ghall-appellanti, haga li, jerga jinghad, huwa naqas milli jipprova. Illi din il-Qorti ma ghandhiex dubbju illi l-appellanti iddispjacieh ferm ghal dan l-akkadut u ser jibqa' igorr il-piz ghat-telfien ta' hajja umana fuq spalltu ghal ghomru, madanakollu dan ma jistax ixejjen il-fatt illi hu kien qed isuq il-mutur meta sehh l-incident u dan wara li accetta r-responsabbilta li irikkeb persuna ohra mieghu li kienet ghal kollox minghajr esperjenza u li ma kellhiex il-protezzjoni adegwata. Koxxenti ta' dan huwa xortawahda saq il-mutur tieghu minghajr ma ha dawk il-prekawzzjonijiet mehtiega u minghajr ma adopera l-prudenza fis-sewqan tieghu sabiex jara illi dawn il-fatturi ma iwasslux, kif fil-fatt wasslu ghal xi disgrazzja.

Finalment il-fatt illi l-prosekuzzjoni ma ressqitx ix-xhud Dr. Yanika Bonello li jidher li kienet it-tabiba li tat l-ewwel ghajnuna fuq il-post lill-appellanti u lil Bajada ma twassalx ghal presunzjoni illi l-Prosekuzzjoni naqqset milli tressaq l-ahjar prova. Dan ghaliex fl-ewwel lok ma hemm l-ebda indikazzjoni illi din ix-xhud rat l-incident isehh. Fil-fatt minn dak li xehdu il-paramedici li wasslu fuq il-post ma jidhirx illi din it-tabiba indikatilhom xi fatt rilevanti ghall-incident ghajr ghall-griehi li kienu qed isofru n-nies involuti. Fuq kollox jekk id-difiza dehrilha li kellha bzonn din ix-xhud importanti li fil-fehma taghha setghet facilment tigi rintraccjata gewwa l-isptar Mater Dei, xejn ma kien josta lill-istess difiza li titlob li titressaq din ix-xhud, kif fil-fatt tidher li ghamlet mill-verbali li jinsabu fl-atti fejn erronjament din ix-xhud bdiet tigi indikata bhala Dr. Yanika Bezzina. Jidher illi l-Prosekuzzjoni ghamlet l-almu taghha biex tirrintraccja lil din ix-xhud izda dan ma halla l-ebda frott. Kwindi din il-lanjanza hija ghal kollox infondata.

Jifdal biex jigi trattat l-ahhar aggravju sollevat mill-appellanti marbut mal-piena inflitta mill-ewwel Qorti billi iqies illi din kienet wahda eccessiva. Illi gie stabbilit b'mod kopjuz fil-gurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bhala regola ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-ewwel Qorti b'dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet taghti f'dawk ic-cirkostanzi kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*".

**"As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):**

**""The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will…be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '…that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."**

**This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.[5]"**

Issa ma hemmx dubbju illi l-piena erogata mill-ewwel Qorti kienet taqa' sew fil-parametri dettati fil-ligi. Illi ma hemmx dubbju lanqas illi meta dik il-Qorti giet biex tikkalibra l-piena hija hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi f'dan is-sinistru stradali fosthom in-negligenza kontributorja tal-vittma stess u ghalhekk kienet tal-fehma li ghalkemm dan kien incident tat-traffiku serju, madanakollu ma kellhiex timponi piena karcerarja effettiva fuq l-appellanti. Illi l-appellanti huwa tal-fehma illi l-Qorti kellha tapplika il-provvedimenti tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta billi l-appellanti ghandu fedina penali nadifa u iddispjacieh ghall-akkadut. Illi ghalkemm dawn il-fatturi huma ta' rilevanza ghal gudikant meta jigi biex iqies liema hi l-piena l-iktar idonja ghal gudikabbli, madanakollu ma jidhirx illi l-Ewwel Qorti fic-cirkostanzi partikoalri ta' dan il-kaz erogata piena li kienet eccessiva u cioe' li tezorbita il-parametri stabbiliti fil-ligi kif imghallem fid-*dictum* hawn fuq iccitat. Il-gudikant irid izomm fil-perspettiva tieghu meta jigi sabiex jeroga l-piena, c-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz, is-serjeta ta'l-akkuzi, l-konsegwenzi ta'l-agir inkriminati tal-persuna akkuzata apparti l-fatturi li jistghu iwasslu ghal mitigazzjoni fil-piena. Illi f'dan il-kaz dan sehh tenut kont tal-fatt illi l-qorti qieset illi piena karcerarja effettiva ma kenitx wahda idonja. Kwindi dan l-aggravju lanqas ma jisthoqqlu akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u id-decizjoni impunjata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

---

[5] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek tal-25 ta' Awissu 2005